MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' April, 2013

Numru. 445/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Chiara Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Chiara Micallef bint Luciano u Patricia nee' Abdilla imwielda Pieta` fit-18 ta' Lulju 1984 u residenti gewwa 3, Studio 3, Triq F.W. Ryan, Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 338684M:

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Lulju 2011 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

2. Kellha fil-pussess taghha il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali aggornata li hi wahda netta, il-fatt li ma jidhirx li l-imputata ghandha l-vizzju tad-droga u ghandha hajja stabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------